**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 28.2.10: IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN**
Illum bejn id-9.15 u l-11.30a.m. se jinżamm irtir għall-Katekisti kollha f'Dar Manresa.
**Fil-4.00p.m.** quddiesa mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex li fiha jagħti l-Ministeru tal-Lettorat lis-Seminaristi tad-djoċesi tagħna.
**IT-TNEJN, 1.3.10:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar
F'nofs inhar ikun hemm il-qudiesa fiċ-Ċimiterju.
**IT-TLIETA, 2.3.10:** Illum fid-djoċesi tagħna qed jinżamm Jum l-Isqof Cauchi, fl-okkażjoni ta' għeluq sninu.
Xieraq li llum nagħmlu talb speċjali għalih.
**IL-ĦAMIS, 4.3.10:** l-Ewwel Ħamis tax-Xahar
Filgħodu jkun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-6.00p.m**. quddiesa konċelebrata mis-saċerdoti tagħna biex ifakkru l-ordinazzjoni saċerdotali tagħhom u anke t-twaqqif ta' l-Ewkaristija.
**IL-ĠIMGĦA, 5.3.10:** L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa u nitqarbnu.
Illum l-Adorazzjoni quddiem Ġesu' Sagramentat se tibda fit-8.00a.m. u wara li tieqaf għall-prietka ta' l-Eżerċizzi terġa tibda dritt wara li tispiċċa l-konferenza ta' l-Eżerċizzi.
Għal dawk li jixtiequ jersqu għall-qrar, il-predikatur se jkun disponibbli wara l-prietka.
**IL-ĦADD, 7.3.10: IT-TIELIET ĦADD TAR-RANDAN.**

**MARZU:** Din il-ġimgħa bdejna ix-xahar ta' Marzu li huwa ddedikat lill-Patrijarka San Ġużepp. Xieraq li nitgħallmu iktar dwaru u nitolbuh. Min jixtieq ktieb li jgħinu għal dan ikellimna fl-Uffiċċju Parrokkjali.

## EŻERĊIZZI TAR-RANDAN.

Matul din il-ġimgħa se jkollna kors ta' Eżerċizzi tar-Randan li se jkun hekk:
**Għan-Nisa** : ikun fid-8.45a.m. Fil-knisja
Predikatur: Dun Anġ Seychell
**Għall-Irġiel :** ikun fis-6.30p.m. Fis-Sala tad-Dar Parrokkjali.
Predikatur : Dun Anġ Seychell
Nagħmel appell kemm lin-nisa u anke lill-Irġiel biex ikunu preżenti għall-kelma ta' Alla.

### VISTI FIL-ĦWIENET U FIL-KAŻINI

Minn din il-ġimgħa se jibdew il-visti fil-ħwienet u fil-każini tar-raħal tagħna, fl-okkażjoni tar-Randan Imqaddes. Dawn se jsiru minn persuni lajċi flimkien ma' saċerdot li jkunu minn parroċċa oħra.
Il-ħwienet u l-każini se jiġu avżati minn qabel meta se jkollha din iż-żjara.

### KORSIJIET OĦRA TA' EŻERĊIZZI

**Għat-TFAL ta' l-Iskola:** Mit-8 sal-10 ta' Marzu
Predikatur : Patri Pawl Muscat OSA
Il-Ħamis ikollhom l-qrar u l-Ġimgħa quddiesa.
**GĦAL KULĦADD :** Mill-15 sad-19 ta' Marzu. Fis-6.30p.m.
Ikunu fil-knisja u l-predikatur se jkun : Dun Roberto Gauci.
**GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ :** Mit-22 sal-24 ta' Marzu
Fid-Dar Parrokkjali u jibdew fis-6.45p.m.

### ŻMIEN TA' GRAZZJA

Ejjew napprofittaw minn dan iż-żmien ta' grazzja (ir-Randan) ħalli nirrivedu il-ħajja spiritwali tagħna. Bħala għajnuna f'dan iż-żmien toffrilna l-kelma ta' Alla. Għalhekk, ejjew nisimgħu din il-kelma tal-ħajja waqt l-Eżerċizzi.